# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nicholas Vella]**

**vs**

**Adel Dawah**

**Kumpilazzjoni Numru: 166/18**

**Illum, sebgha (7) ta' Frar, 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Adel Dawah detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 528895M akkuzat talli:

Fis-6 ta' Marzu 2018 u kif ukoll fil-gimghat ta qabel gewwa dawn il-gzejjer fil-Mosta, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' ghodda ghad-detriment ta Clayton Calleja, Danilo Galea, Jurian Refalo u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

U aktar talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sittax (16) ta' Gunju 2020 fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom jitlob li ghandha tinstab htija u cioe':-

- Fl-Artikoli 18; 261(b)(c)(f); 263; 264; 265; 266; 267; 270; 278(1)(2)(3); 279(b); 280(2); 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 15A; 17; 20; 23; 31; 49; 50; 289; 532A; 532B; 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal datat hmistax (15) ta' Dicembru 2020 fejn inqraw l-Artikoli u fejn l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li kienu ser joqghodu fuq il-provi u kwindi ma kellhomx l-ebda sottomissjonijiet x'jaghmlu.

# **Ikkunsidrat**:

Illi mix-xhieda ta' wiehed mill-parte civile **Danilo Galea** fejn huwa kien ghamel rapport fuq serq ta' ghodda mill-Mosta fejn dan kien hemm nieqes *chaser, crosscut, extensions,* imrietel, *spanners* u habel. Huwa jghid illi jahdem bhala kuntrattur u r-rapport kien ghamlu fl-ewwel (1) ta' Marzu u l-ghodda kienu nsterqulu l-gurnata ta' qabel. Huwa jghid illi l-post fejn insterq kienet binja u kienet maghluqa b'bieb tal-injam u katnazz. Huwa jghid illi min dahal ghamel hekk mill-bieb ghaliex dakinhar kien ma jiflahx u kien halla c-cwievet hemmhekk sabiex jidhlu l-haddiema. Huwa jghid illi wara r-rapport il-pulizija kienu qalulu illi kienu sabu lil xi hadd u fil-fatt parti mir-refurtiva kienet giet ritornata lura. Jghid illi l-valur ta' din is-serqa kienet ta' cirka tmien mitt ewro (€800).

Xehed ukoll **<u>Clayton Calleja</u>** fejn jghid illi s-serqa tieghu saret fi Triq Alwetta, Mosta u meta nizel isfel ra l-bieb tal-komun miftuh u l-affarijiet li kien hemm wara l-bieb kienu nsterqu. Huwa jghid illi din il-blokka huwa biss joqghod ghaliex l-ohrajn ghadhom qed jigu *finished*. Huwa jghid illi sab il-*power tools* kollha neqsin. Dawn kienu kollha mxerrdin mal-appartamenti ghaliex hu stess kien qed ilestihom peress li hu kuntrattur. Huwa jghid illi hu u l-girien bdew iduru l-kameras tas-sigurta' u bdew jaraw tnejn min-nies dehlin u hergin. Jghid illi wiehed minnhom kien qed idur b'rota u beda jissuspetta li kien jafu fil-fatt kien ippunta ghall-imputat. Dan jghid illi kien mar ikellmu lill-imputat ma' certu Oliver Galea, ghaliex kien maghruf li kien jisraq u dan mill-ewwel ammetta mieghu. Jghid illi l-imputat jahdem ma' kuntrattur siehbu jismu Robert Azzopardi mill-Mosta wkoll.

Jghid ukoll illi huma u l-imputat marru fejn joqghod hu u dan tah il-magnetta tal-madum tax-xhud. L-imputat qallu wkoll illi jekk kien imur siegha wara kien itih il-kumplament tal-ghodda. Dan wara tah ic-*chaser* u l-*extension*. L-affarijiet l-ohra ma tahomlux. Jghid illi hafna wara nghata lura *drill* minghand xi Libjan li ma kienx jafu. Huwa jispicca jghid illi r-rota tal-imputat kienet wahda partikolari peress li kellha tliet (3) *reflectors*.

Jghid illi l-valur tal-oggetti misruqa kien jammonta ghal cirka tmien mija u hamsa u sebghin ewro (€875).

Xehed ukoll **Francis Calleja** li jigi missier ix-xhud ta' qabel u li jikkonferma dak li kien qal it-tifel tieghu anke meta mar darba wahda mat-tifel tieghu ghand l-imputat it-tieni darba.

Xehed **l-Ispettur Nicholas Vella** li kkonferma r-rapport ta' Francis u Clayton Calleja (Dok NV4) u dak kollu li dawn ix-xhieda kienu rrapurtawlu rigward is-serqa taghhom. Jghid illi wara li gie arrestat l-imputat Adel Dawah kien hadlu stqarrija (Dok NV5) fejn dan ma kienx wiegeb ghad-domandi. Saret tfittxija fir-residenza tieghu fejn ittiehdu xi ritratti ta' xi ghodda misjuba f'din ir-residenza (Dok. NV5 – fol 68 u NV8). Jghid illi l-ghodda kollha misjuba ngabet l-ghassa tal-Mosta u fil-fatt ghamel ezercizzju fejn ra li kien hemm serqa ohra liema rapport kien sar minn Julian Refalo (Dok NV2) u iehor minn Danilo Galea (Dok. NV3) u zewg rapporti ohra minn Noel Dimech (Dok NV6 u NV7) u ra jekk kinux jappartjenu ghal xi hadd minnhom. Jghid ukoll illi gabar sett ta' filmati (Dok NV9) rigward rapport Dok NV3 u NV4. Huwa jghid illi minn dawn il-filmati jidher l-imputat isuq rota li din giet mgharrfa minn diversi nies li din ir-rota giet formalment ipprezentata bhala Dok NV12.

Jghid illi Francis Calleja kien gharaf certi affarijiet li kienu jappartjenu lilu fosthom habel li kellu xi *stell fittings* imwahhlin mieghu liema oggetti gew ritornati lilu u nghata debita ricevuta (Dok NV13). Ircevuta Dok NV14 u NV15 jghajjtu lil Julian Refalo fejn dan kien gharaf *pouch* tal-gilda Melith, imterqa, musmar, martell u pal.

L-Ufficjal Prosekutur esebixxa sentenza li tghajjat lill-imputat (Dok NVX u NV6 a fol 134) u dan a rigward l-addebitu tar-recidiva.

Xehed ukoll **Julian Refalo** u jghid illi huwa jahdem bhala Site Manager ma' Vassallo Builders fejn kien irraporta serq ta' sett ta' ghodda u sgass ta' kontejner u ta' bieb ta' ufficcju. Jaghraf dokument NV14 u NV15 fejn jghid illi dawn l-ghodda kienu ta' haddiema li kien hemm jahdmu mieghu. Huwa jghid illi ma kellux ideja ta' min seta' ghamel din is-serqa li kienet saret f'xi Jannar jew Frar. Jghid li l-valur ta' din is-serqa kienet ta' seba' mija tmienja u sittin ewro u sitt centezmi (€768. 06c) (Dok JR1).

Xehed **PC Kristian Xuereb** li kkonferma r-ritratti li kien ha hu mir-residenza tal-imputat nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) fi 14, Pjazza San Leonardu, Mosta. Dan sar kollu fil-prezenza tal-imputat.

Xehed **Joseph Zerafa** li ffornixxa l-filmati lill-pulizija u kkonferma tali filmat u mmarkat Dok NV10 a fol 77 tal-process.

Xehdet **WPS230 Anne Marie Vella** li dwar is-serqa ta' Triq Avertan Fenech, Mosta tghid illi gabret filmat minghand certa Ivetta Akopian li juri persuna tidhol b'idejha vojta u tohrog b'idejha mimlija. Dan kellu rota u x-xhud gharfet lill-imputat bhala dik il-persuna (Dok AV2). Din is-serqa kienet a detriment ta' Noel

Dimech. Illi l-istess **Ivetta Akopian** kienet giet sussegwentement tahlef dan il-filmat.

Xehed ukoll **Srdan Kovacevic** fejn dan jghid illi kien qed jahdem f'sit ta' kostruzzjoni fil-Mosta s-sena ta' qabel mal-kumpanija Vassallo Builders u kienu nsterqu xi ghodda li kienu jappartjenu lilu. Dawn kienu erba' mrietel u tliet *pliers*, *crosscut u drill, grinder*.

Xehed ukoll **Artur Szmyglewski** li wkoll kien ghamel rapport fuq xi ghodod neqsin fejn huwa kien qed jahdem fuq *construction site* fejn huwa mpjegat ta' Vassallo Builders fejn kienu sabu neqsin *chaser, electric tool* u xi ghodod zghar ohrajn bhall-kazzola.

**Oliver Galea** kkonferma dak li kien qal Clayton Calleja qablu fejn kien akkumpanjah sabiex jiltaqa' mal-imputat l-ewwel darba u fejn dan tal-ahhar kien irritornalu lura xi ghodod.

Gie kkonfermat filmat iehor minn **George Farrugia** (fol 78) fejn jghid illi dan il-filmat ittiehed mid-dar tieghu. **Alexander Farrugia** kkonferma dan ukoll.

Xehed **Noel Dimech** li kkonferma r-rapport fl-ghassa tal-Mosta li kien ghamel fi Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn dan kienu nsterqulu xi ghodod konsistenti f'*chaser, crosscut,* zewg skwerer,

pal u xi zewg ghodod ohra, plakek u ohrajn. Jghid li dawn l-ghodod kienu nsterqu fi Triq Patri Avertan Fenech, Mosta fejn huwa kien qed jahdem fuq sit ta' kostruzzjoni. Huwa jistma dawn l-ghodod ghal cirka hames mitt ewro (€500). Jghid li dawn l-ghodod kienu go kamra fil-pjan terran ghax hu kien qed jibni garaxx. Huwa jghid illi minn xi kameras tas-sigurta' li juru l-propjeta' tieghu kien jidher ragel b'rota diehel gol-post tieghu u rega' hareg ftit wara.

Finalment xehed l-espert nominat mill-Qorti **Dr. Martin Bajada** li kien inkarigat sabiex johrog *stills* minn Dokumenti NV9, NV10 u NV11. Liema rapport gie mmarkat bhala Dokument MB1.

Fl-ahharnett xehdu **Bernard Cachia**, li kkonferma dokument a fol 222 u pprezenta ricevuta fiskali dokument BC1 rigwardanti xi ghodda mibjuha lil Francis Calleja. **Eusebio Muscat** ikkonferma Dokument JR1 (149, 150) li hu kollega ta' Chris Micallef, Reno Vassallo u Jurgen Refalo ma' Vassallo Builders. **Chris Micallef** ikkonfermhom ukoll.

## Ikkunsidrat:

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhal dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-

ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (QA Krim deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

***"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.***

***Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:***

***Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):***

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li*

***wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".***

***"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".***

Illi dan huwa kaz klassiku fejn il-prosekuzzjoni gabet l-anqas prova in sostenn tal-kaz taghha anke jekk kellha l-prova regina li r-*res furtiva* nstabet fil-pussess tal-imputat. Irid jigi emfasizzat li din ir-*res furtiva* ma kinitx tappartjeni biss ghall-persuna wahda izda ghal numru ta' persuni li kienu ghamlu rapporti fi zmien prossimu ghal xulxin.

Il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova f'dan il-kaz numru ta' evidenza cirkostanzjali sal-anqas dettall li s-serqiet mertu ta' din il-kawza kollha jippuntaw lill-imputat.

Illi l-Qrati kellhom okkazzjoni jiddibattu fuq il-kwistjoni ta' *circumstantial evidence* fejn gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 fejn gie ddikjarat is-segwenti:

> ***"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.***
>
> ***L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment***

*jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Madankollu skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014 gie ppuntwalizzat ukoll illi:

***"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."***

Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova numru ta' provi ndizzjarji. Illi kien hemm il-prova tal-filmati esebiti u kkonfermati bil-gurament fejn f'kollha jidher l-istess modalita' ta' azzjoni mid-derubant fejn jigi b'rota u dejjem liebes *high visibility vest*. Illi dawn il-filmati gew analizzati minn espert nominat mill-Qorti u numru ta' *stills* hargu minnhom.

Hemm ukoll il-fatt illi tali rota giet misjuba fir-residenza tal-imputat fejn dan jghid fl-istqarrija tieghu illi huwa dejjem jigri b'rota ghaliex ma jafx isuq. Illi din ir-rota giet identifikata peress li din ghandha tliet *reflectors*.

Illi r-*res furtiva* giet kwazi kollha misjuba fil-pussess tal-imputat ossija fir-residenza tieghu fejn il-parte civile kollha ddentifikawhom bhala taghhom. Illi jinghad ukoll illi l-imputat kien diga' ta parti minn din l-ghodda lil derubat minnhom u cioe' lil Clayton Calleja fil-prezenza ta' Oliver Galea.

Illi di piu' wiehed mill-derubati rnexxielu jiddentifika lill-imputat bhala dik il-persuna li rah fil-filmat diehel fil-post tieghu u hiereg b'idejh mimlija ghaliex dan kien fil-mestjier tieghu u cioe' dak tal-kostruzzjoni u mill-istess rahal u cioe' l-Mosta.

Illi ghaldaqstant il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova katina ta' evidenza li kollha twassal ghall-konkluzjoni li l-imputat wettaq ir-reati ta' serq li bihom huwa addebitat f'dawn il-proceduri u ghalhekk din il-Qorti ghandha l-konvinciment morali u legali sabiex tasal ghall-kolpevolezza tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18; 31; 49; 50; 289; 261(b)(c)(f); 263; 264; 265; 266; 267; 270; 278(1)(2)(3); 279(b); 280(2); 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Adel Dawah** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat **Adel Dawah** ghall-hlas tal-ispejjez peritali

naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal disa' mija u erbgha u tmenin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€984.83).

__________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**